MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-10 ta' April, 2007

Numru 91/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carlo Ellul)**

**vs**

**RENALD SAVIOUR FRANK PISANI**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Renald Saviour Frank Pisani ta’ 29 sena, iben Francis u Theresa nee’ Seguna, imwieled il-Pieta’, fl-4 ta’ April, 1977 u joqghod f’Nru. 110 Triq id-Dejqa Valletta, detentur tal-karta tal-Identita bin-numru 0601777M gie akkuzat:

Talli nhar it-28 ta' Ottubru, 2006, ghall-habta tas-2:00 p.m. f'Paceville limiti ta' San Giljan minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Matthew Peter Thornton, detentur tal-karta tal-Identita Nru. 0242400L u dan kif gie hekk iccertifikat minn Dr. Moses Camilleri, M.D. Med. (Reg. No. 2242). Dan bi ksur tal-Artikoli 216, tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali li jinsab a fol. 7 tal-Process (Dok. CE3) u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li l-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 214 u 216 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Renald Saviour Frank Pisani, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, il-fedina penali tal-imputat u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija tillibera lill-istess imputat Renald Saviour Frank Pisani taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-

Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Iil-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-imputat Renald Saviour Frank Pisani b’obbligazzjoni personali ta’ mitt Liri Maltin (Lm100) li jzomm il-kwiet ma’ Matthew Peter Thornton ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Renald Saviour Frank Pisani l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------